Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Peter Paul Parnis ta' 47 sena,**
**imwieled Birkirkara fis-16 ta' Jannar, 1955,**
**bin Emanule u Orsola nee Buhagiar,**
**li ghandu numru tal-karta ta' l-identita'**
**76555(M), li joqghod numru 73, Triq Sqaq il-Gobon,**
**Birkirkara**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Peter Paul Parnis li gie akkuzat talli fl-4 ta' Settembru, 2002 ghall-habta ta' 8.00 a.m. f'Birkirkara,

(1) Ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe kontra l-Pulizija PC 432 Sandro Mamo, l-Pulizija PC 643 Jesmond Delicata, l-Pulizija PC 97 Silvio Bonello waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi u dan ai termini tal-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
(2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew heded persuni ta' uhud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzagghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe fuq il-persuni ta' l-Pulizija PC 432 Sandra Mamo, l-Pulizija PC 643 Jesmond Delicata, l-pulizija PC 97 Silvio Bonello u dan ai termini tal-artikolu 95 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu l-Pulizija PC 432 Sandra Mamo, l-Pulizija PC 643 Jesmond Delicata, l-Pulizija PC 97 Silvio Bonello waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew halliex jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom. U dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjaemnt kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(5) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament qal kliem oxxen u espressjonijiet ta' daghha u dan ai terminu tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(6) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja u hedded b'mod li johrog mil-limiti tal-provokazzjoni lil Carmel Caruana li ghandu numru tal-karta ta' l-identita' 449651(M) lil John Mary Micallef li ghandu numru tal-karta tal-identita' 580777(M) u lil Carmel Calleja li ghandu numru tal-karta tal-identita' 83554(M) u dan ai termini tal-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(7) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ma jidrob jew isawwat, ihedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi ohra kontra l-Pulizija PC 432 Sandro Mamo, l-Pulizija PC 643 Jesmond Delicata, l-Pulizija PC 97 Silvio Bonello, ta' Carmel Caruana, John Mary Micallef u l-Carmel Calleja u dan ai termini tal-artikolu 339(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijie ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-ammissjoni tieghu fis-seduta tal-31 t'Ottubru, 2003.

Ikkunsidrat il-fedina penali tieghu.

Rat l-art 22 tal-Kap 446.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------